IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2013
COM(2013) 838 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

Ir-Riżorsi Ġenetiċi Agrikoli — mill-konservazzjoni sal-użu sostenibbli

{SWD(2013) 486 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

Ir-Riżorsi Ġenetiċi Agrikoli — mill-konservazzjoni sal-użu sostenibbli

1. IR-RIŻORSI ĠENETIĊI – PILASTRU TAL-KAPITAL NATURALI TAGĦNA U L-BAŻI GĦAS-SIGURTÀ TAL-IKEL

Bil-prospett ta' popolazzjoni dinjija li qed kull ma jmur tikber, is-sigurtà tal-ikel saret sfida ta' importanza kbira. Trid tingħata attenzjoni lejn kif jista' jiġi żgurat li jkun hemm provvista sostenibbli tal-ikel f'kundizzjonijiet ambjentali u klimatiċi li jinbidlu kif ukoll lejn il-ħtiġiet li qed jinbidlu. Il-produttività, l-adattabilità u r-reżistenza tal-ekosistemi agrikoli jiddependu *inter alia* mid-disponibilità tal-ġabra ġenetika rikka ta' razez imrobbija u ta' varjetajiet tal-għelejjel. Id-diversità ġenetika fl-agrikoltura hija assoċjata ma' firxa wiesgħa ta' benefiċċji ambjentali u ekonomiċi li huma essenzjali għal produzzjoni agrikola sostenibbli, iżda jikkorrispondu wkoll ma' firxa usa' tal-interessi soċjetali. Dawn il-benefiċċji jinkludu pajsaġġi agrikoli tradizzjonali varjati bi flora u fawna rikka, produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel b'kontenut għoli ta' kwalitajiet organolettiċi, prodotti li jilħqu l-bżonnijiet speċifiċi tal-industrija agroalimentari, li huma ta' rilevanza kbira għal kunċetti ġodda ta' żviluppi ekonomiċi fl-agrikoltura bħal ktajjen tal-provvista qosra u t-turiżmu alternattiv. Dan jorbot ukoll ma' apprezzament li dejjem qed jikber ta' prattiki lokali u tradizzjonali u l-valur tagħhom f'termini ta' wirt kulturali.

Il-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ġenetiċi fl-agrikultura hija ħtieġa għal tul ta' żmien twil li tmur lil hinn mill-interessi nazzjonali. Il-Kapijiet tal-Istat qablu fl-2010 li għandhom, fost oħrajn, iwaqqfu t-telf tal-bijodiversità fl-Unjoni sal-2020[1] u l-Unjoni Ewropea impenjat ruħha skont il-Konvenzjoni dwar il-Bijodiversità u wegħdet li taħdem għal dawn l-impenji fl-istrateġija tal-Unjoni għall-bijodiversità adottata fl-2011.

Dan ir-rapport jenfasizza l-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bijodiversità agrikola u juża l-potenzjal tagħha biex jindirizza firxa wiesgħa ta' sfidi u opportunitajiet ambjentali u ekonomiċi msemmija fl-Istrateġija Ewropa 2020.

B'dan ir-rapport, il-Kummissjoni beħsiebha timxi 'l quddiem fir-rigward tal-konservazzjoni tad-diversità ġenetika tal-agrikoltura tal-Ewropa billi tibni fuq l-esperjenzi tal-passat. Hija timmira li filwaqt li tfakkar fil-ħtieġa li jiġu konservati u jintużaw b'mod sostenibbli r-riżorsi ġenetiċi, u li jiġi żgurat li dan l-għan ikun adegwatament indirizzat fl-iżvilupp kontinwu ta' linji ta' politika u programmi rilevanti, b'mod partikolari:

- il-Politika għall-Iżvilupp Rurali, li permezz tal-miżuri agroambjentali tagħha li għandhom fil-mira tagħhom il-livell tal-biedja prattika, u permezz tas-Sħubija

[1] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew

Ewropea għall-Innovazzjoni tissodisfa l-ħtiġijiet prattiċi bl-attivitajiet ta' riċerka u bit-trawwim tal-interazzjoni bejn l-atturi rilevanti;

- il-Politika tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tagħha bil-Programm ta' Qafas tagħha Orizzont 2020 biex tinbena l-bażi tal-għarfien dwar id-diversità ġenetika fl-agrikoltura.

2. L-ISFIDI U L-ĦTIĠIJIET

Iż-żamma tal-aċċess għal ikel sikur ta' kwalità għolja u li ma jiswix ħafna u l-iżgurar tal-produzzjoni agrikola sostenibbli huma sfidi li jridu jiġu ssodisfati fil-kuntest ta' domanda dejjem tikber għall-prodotti agrikoli. Il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikultura jikkontribwixxu għall-forniment ta' beni pubbliċi u servizzi tal-ekosistema li huma ta' importanza ewlenija għal produzzjoni agrikola sostenibbli, li tinkludi kontroll tal-pesti mtejjeb, il-pollinazzjoni, agroekosistemi aktar flessibbli, u l-istabbilità tal-ħamrija. Għaldaqstant, il-bijodiversità agrikola tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel billi jitnaqqsu r-riskji assoċjati ma' sistemi ta' produzzjoni intensiva u speċjalizzati ħafna.

L-agrikultura konvenzjonali moderna għandha t-tendenza li tuża varjetajiet u razez standardizzati, u monokulturi u uċuħ tar-raba' monovarjabbli li fil-biċċa l-kbira jipprevalu fil-pajsaġġi agrikoli. Il-preservazzjoni u l-iżvilupp ta' iktar diversità fir-riżorsi ġenetiċi ta' razez u varjetajiet agrikoli jirrappreżentaw xibka ta' sikurezza sabiex nadattaw għall-kundizzjonijiet li jinbidlu u niffaċilitaw soluzzjonijiet innovattivi. Dan jiġġenera wkoll opportunitajiet ekonomiċi għas-settur agrikolu, li jibni fuq l-iskemi tal-kwalità u tad-diversità fil-provvista tal-ikel, għall-benefiċċju tal-konsumaturi.

Il-vijabilità ekonomika hija waħda mill-aktar fatturi importanti li jinfluwenzaw il-bdiewa fl-għażla tar-razez u l-uċuħ tar-raba'. Sabiex nissalvagwardjaw ir-riżorsi ġenetiċi, jeħtieġ li jitjieb il-benefiċċju ekonomiku li l-bdiewa jistgħu jakkwistaw mill-użu ta' speċijiet, razez u varjetajiet mhux utilizzati biżżejjed. Dan jinkludi l-promozzjoni ta' prodotti ġodda u l-inkoraġġiment taż-żieda fid-domanda mill-konsumaturi.

Biex jopponu l-abbandun ta' razez u wċuħ tar-raba' tradizzjonali u adattati lokalment, jeħtieġ li l-bdiewa jirkupraw l-għarfien marbut mal-għażla u t-tgħammir u prattiki agrikoli tradizzjonali oħra. Biex il-bdiewa jitħeġġu jieħdu sehem f'dawk l-attivitajiet u biex l-iskambju tal-għarfien jiġi inċentivat, irid ikun żgurat ritorn ekonomiku ġust u l-pariri u l-appoġġ għandhom ikunu diretti lejn opportunitajiet ekonomiċi innovattivi u moderni li jibnu fuq l-għarfien u l-prattiki tradizzjonali.

Il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi jeħtieġ li jiġu msaħħa permezz ta' sforzi sistematiċi u bbażati fuq ix-xjenza biex ir-riżorsi ġenetiċi jiġu soġġetti għall-ġenotip u l-fenotip, bil-ħsieb ukoll li jiġu identifikati karatteristiċi speċifiċi f'kundizzjonijiet speċifiċi (naturali) u/jew użi speċifiċi. Lil hinn mill-konservazzjoni u l-użu sostenibbli ta' varjetajiet ta' pjanti u annimali, l-esperti jenfasizzaw l-importanza li tingħata attenzjoni lill-mikroorganiżmi, li fil-biċċa l-kbira

għadhom mhux esplorati, b'rabta mal-fertilità u l-flessibilità tal-ħamrija, u lill-kontroll tal-pesti b'mod sostenibbli. Il-kooperazzjoni u l-interazzjoni bejn is-settur tar-riċerka u l-partijiet interessati kollha se jiżguraw li r-riżorsi ġenetiċi agrikoli jkunu vvalorizzati.

3. IL-KUNTEST DINJI

Id-dikjarazzjoni Rio+20 imsejħa "The future we want" affermat mill-ġdid il-ħtieġa li tittejjeb is-sigurtà tal-ikel, abbażi ta' prattiki agrikoli sostenibbli li jippriservaw ir-riżorsi naturali, inkluż id-diversità ġenetika, billi nibnu fuq riċerka agrikola mtejba u kooperazzjoni internazzjonali aktar b'saħħitha.

Bħala Parti fil-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, l-Unjoni qablet li sal-2020 tinżamm id-diversità ġenetika tal-pjanti kkultivati u l-annimali domestikati u mrobbija u qrabathom selvaġġi, inklużi speċijiet soċjoekonomikament u anke kulturalment preġjati oħra, u ġew żviluppati u implimentati strateġiji sabiex ikunu minimizzati t-tagħwir ġenetiku u tiġi salvagwardjata d-diversità ġenetika tagħhom.

Sal-lum, l-uniku strument internazzjonali speċjalizzat li jeżisti huwa t-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura[2] (it-Trattat), innegozjat mill-Kummissjoni dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi għall-Ikel u l-Agrikoltura tal-FAO, li fih l-Unjoni hija attur attiv. It-Trattat, fteħim speċjalizzat dwar l-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji fil-kuntest tal-Protokoll ta' Nagoya, jimpenja lill-partijiet biex jikkonservaw il-bijodiversità agrikola tal-pjanti kemm ġewwa (inkluż fl-irziezet) u barra l-ekosistemi u l-ambjenti naturali u biex jużaw b'mod sostenibbli r-riżorsi ġenetiċi. Il-Partijiet jaqblu li jimpenjaw ruħhom f'miżuri li jkopru l-agrikoltura, ir-riċerka u t-tgħammir u biex jiffaċilitaw l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti. It-Trattat jirrikonoxxi r-rwol u d-drittijiet tal-bdiewa fil-konservazzjoni fl-użu u fit-titjib ta' riżorsi ġenetiċi agrikoli, u l-qsim tal-benefiċċji relatati.

4. IL-KUNTEST TAL-POLITIKA TAL-UNJONI

Biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-istrateġija Ewropa 2020 biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità, l-Unjoni adottat strateġija għall-konservazzjoni tal-bijodiversità[3]. Din l-istrateġija tistieden lill-politiċi settorjali kollha biex jintegraw it-tħassib dwar il-bijodiversità. Il-Mira 3 tindirizza speċifikament l-agrikoltura u l-foresti, b'enfasi fuq il-ħtieġa li nikkonservaw il-varjabilità ġenetika agrikola tal-Unjoni, notevolment permezz tal-Politika għall-Iżvilupp Rurali, billi tipproponi li jitħeġġeġ it-teħid ta' miżuri agroambjentali li jikkonservaw id-diversità ġenetika u billi jiġu esplorati l-ambitu għall-iżvilupp ta' strateġija għall-konservazzjoni tad-diversità ġenetika agrikola.

Il-miżuri agroambjentali, li jifformaw parti mill-iżvilupp rurali, joffru l-opportunità lill-Istati Membri biex jimmiraw lejn livell tal-biedja prattika li tikseb il-

[2] http://www.planttreaty.org/
[3] COM (2011)244

konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi. Il-miżuri agroambjentali jinkludu l-possibbiltà li jikkumpensaw lill-bdiewa għal spejjeż addizzjonali u dħul mitluf li jirriżulta minn attivitajiet ta' konservazzjoni bil-għan li jitħarsu r-razez fil-periklu u l-uċuħ tar-raba' li jinsabu mhedda bit-tgħawwir ġenetiku. L-appoġġ għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi jifformaw parti wkoll mill-pakkett ta' riforma tal-politika agrikola komuni u l-Kummissjoni hija ħerqana li tħeġġeġ lill-Istati Membri u r-reġjuni biex jenfasizzaw bil-qawwa dawn il-kwistjonijiet fil-programmi futuri.

L-Unjoni żviluppat ukoll leġiżlazzjoni dwar 'varjetajiet ta' konservazzjoni u amatorjali' (Id-Directtiva 2008/62/KE u 2009/145/KE) taħlitiet ta' ħaxix ma' pjanti selvaġġi (Id-Directtiva 2010/60/UE) bil-ħsieb ta' appoġġ għall-bijodiversità u l-ħarsien tal-ambjent naturali. Fl-2012, il-Katalgi tal-varjetajiet ta' pjanti komuni kien fihom 656 varjetà ta' konservazzjoni jew amatorjali, 158 varjetà agrikola u 498 speċi ta' ħxejjex tal-ikel.

Il-programm Komunitarju[4] dwar il-konservazzjoni, il-karatterizzazzjoni, l-evalwazzjoni u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura stabbilixxa l-attivitajiet ta' konservazzjoni, kemm *in-situ* kif ukoll *ex-situ*. Dawn tejbu l-għarfien tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u t-tixrid tar-riżultati. Azzjonijiet oħra kienu mmirati lejn l-istabbiliment ta' strateġiji u linji gwida u l-ħolqien ta' bażi tad-dejta Ewropew tal-ispeċijiet u r-razez tal-annimali tal-irziezet. Dan il-programm wasal fi tmiemu fl-2012 u l-kontinwazzjoni ta' dan it-tip ta' azzjonijiet trid tiġi segwita ulterjorment taħt il-Programm tal-Unjoni dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni li se jippermetti aktar prattika orjentata lejn formati b'bosta atturi fil-ġejjieni.

Il-Politika tal-Unjoni dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, bis-7 Programm Kwadru attwali tagħha, tat appoġġ lil proġetti ta' riċerka medji u fuq skala kbira, bl-involviment ta' bosta atturi dwar il-karatterizzazzjoni u l-użu tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikultura, il-forestrija u s-sajd.

Il-proposta għal Politika tal-Unjoni dwar ir-Riċerka & l-Innovazzjoni fi ħdan l-Orizzont 2020 għall-perjodu baġitarju 2014-2020 tenfasizza s-sigurtà sostenibbli tal-ikel u tagħti attenzjoni mġedda lill-attivitajiet orjentati lejn il-prattika, inklużi azzjonijiet dwar l-investigazzjoni u l-investiment f'riċerka relatata mar-riżorsi ġenetiċi tal-agrikoltura. Il-proposta tinkludi wkoll azzjonijiet sabiex titrawwem id-diversità fir-riżorsi ġenetiċi billi tippromwovi l-prodott aħħari potenzjali tagħha, jiġifieri prodotti ta' kwalità għolja u diversifikati. Dawn l-azzjonijiet jinvolvu riċerka dwar il-provvediment ta' ikel tajjeb u sikur, l-iżvilupp ta' settur agroalimentari sostenibbli u kompetittiv u l-promozzjoni ta' għazliet infurmati tal-konsumatur.

5. IL-QAGĦDA ATTWALI.

Għalkemm it-telf kontinwu tal-bijodiversità agrikola fil-livell tar-razzett għadu kwistjoni ta' tħassib serju, wieħed għandu jinnota li l-miżuri meħuda dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi wrew li hemm perspettiva ċara

[4] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 870/2004

li tibni fuq u tespandi l-approċċ tal-konservazzjoni. Madankollu, it-trawwim tal-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi, sa issa għadu ma ngħatax biżżejjed attenzjoni.

Il-programmi tal-iżvilupp rurali kkontribwew għal konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi fil-livell tal-irziezet u ħeġġew lill-bdiewa biex jippriservaw razez u wċuħ tar-raba' lokali billi ppremjaw lill-bdiewa u lill-benefiċjarji oħrajn (organizzazzjonijiet mhux governattivi u partijiet interessati oħra) li huma involuti fil-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi agrikoli jew fit-twettiq tal-azzjonijiet ta' tixrid u ta' konsultazzjoni. L-azzjonijiet relatati mar-riżorsi ġenetiċi kienu pprogrammati f'21 Stat Membru, b'59 000 kuntratt u madwar EUR 143 miljun imħallsa fil-perjodu 2007-2011.

Il-programm Komunitarju[4] dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura pprovda l-kofinanzjament ta' 17-il-azzjoni ta' konservazzjoni, kemm *in-situ* kif ukoll *ex-situ,* li rrigwardaw varjetà ta' annimali tal-irziezet, pjanti u siġar tal-foresti. Dawk l-azzjonijiet kienu implimentati minn xi 180 sieħeb f'25 Stat Membru u 12-il pajjiżi mhux tal-UE b'baġit ta' EUR 8,9 miljun[5]. Il-programm irriżulta fil-ġbir u l-karatterizzazzjoni ta' bosta eluf ta' adeżjonijiet ġodda u l-istabbiliment ta' infrastrutturi ta' konservazzjoni, bażijiet tad-dejta, kollezzjonijiet ewlenin, banek ġenetiċi, katalgi ta' adeżjoni. Barra minn hekk, l-azzjonijiet inkludew il-formulazzjoni ta' linji gwida u l-iskambju ta' materjal ġenetiku bejn il-parteċipanti fil-programm u l-utenti aħħarin (il-bdiewa, dawk li jrabbu l-annimali, ġardinara). Kif enfasizzat mir-rapport ta' valutazzjoni, il-programm kien utli fit-titjib tal-għarfien xjentifiku tan-natura, il-ġestjoni u l-potenzjal ta' riżorsi ġenetiċi agrikoli varji, u għall-avvanz tal-għarfien tal-prattiki u l-bżonnijiet lokali tagħhom. Għen ukoll biex isawwar kooperazzjoni transkonfinali effettiva, jistimula kuntatti u netwerking attivi, u jiġbed l-attenzjoni tal-partijiet interessati dwar l-importanza tal-attivitajiet ta' konservazzjoni. Madankollu, għad hemm differenza fl-għamla ta' involviment limitat tal-utenti aħħarin b'konsegwenzi diretti fuq l-"użu" tar-riżorsi ġenetiċi u nuqqas ta' koperazzjoni u skambju ta' informazzjoni u għarfien fost l-atturi kkonċernati.

Il-politika tar-riċerka tkopri l-ispettru kollu ta' attivitajiet relatati mar-riżorsi ġenetiċi: il-karattarizzazzjoni (ġenomika, fenotipar, bioloġija molekulari), approċċi mtejba ta' tgħammir, u konservazzjoni e*x-situ* skont is-7 programm kwadru, ir-riċerka fuq il-pjanti u fuq ir-riżorsi ġenetiċi tal-annimali rċevew finanzjament ta' madwar EUR 44 miljun matul il-perjodu 2009-2012. Il-programm ta' ħidma tal-2013 jipprevedi approprjazzjonijiet ta' EUR 19 miljun iddedikati għar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti, EUR 15-il miljun għar-riżorsi ġenetiċi tal-annimali, u EUR 6 miljun għar-riżorsi ġenetiċi tal-ħut. Madankollu, trid tingħata aktar attenzjoni biex titrawwem l-interazzjoni bejn ir-riċerkaturi u l-utenti aħħarin, partikolarment il-bdiewa u dawk li jrabbu l-annimali, sabiex jiġu vvalorizzati r-riżultati ta' riċerka f'dak li għandu x'jaqsam mal-innovazzjoni u l-użu prattiku tagħha.

[5] Għal deskrizzjoni dettaljata tal-programm u l-valutazzjoni tiegħu ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal mehmuż ma' dan ir-rapport.

Il-konservazzjoni effettiva u t-titjib tal-agrobijodiversità u l-agrovarjabilità jeħtieġu qafas legali fl-Unjoni li jqis kwistjonijiet relatati mar-riżorsi ġenetiċi biex jiffaċilitaw l-attivitajiet ta' konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni riċentament ipproponiet reviżjoni ewlenija tal-leġiżlazzjoni dwar materjal riproduttiv tal-pjanti li ġġib magħha titjib sostanzjali ta' konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi peress li din tiffaċilita b'mod konsiderevoli l-aċċess għas-swieq ta' varjetajiet tradizzjonali u tipprovdi żbokki għall-varjetajiet anqas uniformi.

Filwaqt li l-involviment attiv tal-bdiewa nkiseb permezz tal-miżuri fl-iżvilupp rurali, l-isforz tal-interventi l-oħra msemmija hawn fuq huwa mmirat lejn il-komunità tar-riċerka. Kif ġie konkluż fir-rapport ta' evalwazzjoni dwar il-Programm Komunitarju, għad fadal ħafna xi jsir biex jintlaħqu l-utenti aħħarin bil-għan li dawn jistimulaw u jespandu l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura. L-għarfien xjentifiku kbir miġbur irid isib triqtu fil-prattiki tat-tgħammir u l-biedja, fejn jeħtieġ li dan jiġi adattat għall-ħtiġijiet prattiċi u jingħaqad flimkien mal-għarfien tradizzjonali eżistenti fil-livell tar-razzett. Sabiex jitħeġġu l-kokreazzjoni u l-qsim tal-għarfien fost l-atturi kollha involuti, in-netwerking attiv u l-faċilitazzjoni tal-komunikazzjoni jeħtieġ li jimlew il-vojt bejn ix-xogħol fuq bażi xjentifika, inkluż il-karatterizzazzjoni u l-valutazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi u l-iżvilupp ta' aktar varjetajiet diversi biex jespandu l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi.

6. OQSMA PRIJORITARJI TA' AZZJONI

Il-konservazzjoni tal-bijodiversità agrikola u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikultura jeħtieġu azzjonijiet li jifirxu lil hinn mill-qafas stabbilit. Enfasi partikolari għandha tingħata lil **aproċċ integrat u olistiku** li jiżgura koordinazzjoni aħjar tal-isforzi tal-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi permezz ta' użu sostenibbli u interazzjoni effettiva fost l-atturi kkonċernati.

L-**użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi** għandu jissawwar flimkien mat-titjib tal-vijabbiltà ekonomika tas-sistemi agrikoli involuti fil-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi. Jeħtieġ li l-attivitajiet ta' tgħammir jiffukaw fuq il-livell tar-razzett fir-rigward tal-ispeċijiet, razez u wċuħ tar-raba' lokali tradizzjonali li mhumiex utilizzati biżżejjed. Dan jirrikjedi t-twaqqif ta' netwerks madwar l-Unjoni li jivvalorizzaw it-tali materjal sabiex jiġi promoss ir-rwol tal-agrikoltura fl-iżvilupp taż-żoni rurali, il-preżervazzjoni ta' tradizzjonijiet u prattiki tal-biedja tradizzjonali, u l-provvista ta' prodotti pubbliċi ambjentali. Hija meħtieġa azzjoni biex tippermetti lill-bdiewa jirkupraw l-għarfien tradizzjonali u biex tipprovdilhom il-ħiliet u l-għarfien neċessarji meħtieġa biex jaħdmu b'razez u wċuħ tar-raba' lokali, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet klimatiċi li qed jinbidlu. Sabiex jipprovdu bażi li tkun ekonomikament vijabbli għall-konservazzjoni u l-użu tar-riżorsi ġenetiċi, l-involviment tal-industrija tal-ipproċessar tal-ikel speċjalizzata fuq skala żgħira, ir-ristoranti orjentati lokalment u xi forom alternattivi ta' turiżmu jista' jkollhom rwol attiv biex jivvalorizzaw ir-riżorsi ġenetiċi agrikoli u jikkontribwixxu biex jerġgħu jagħtu l-ħajja lill-ekonomiji lokali.

Ir-riċerka għandha tkompli timpenja ruħha biex tkompli tutilizza l-**iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi** biex tavanża l-karatterizzazzjoni ġenomika u fenotipika, preferibbilment orjentati biex jidentifikaw u jevalwaw it-tendenzi speċifiċi assoċjati ma', fost affarijiet oħra, il-produttività, ir-robustezza, is-saħħa, il-benessri, l-utilizzazzjoni tar-riżorsi u l-kwalità tal-prodott. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi, il-varjetajiet u r-razez għandhom isiru disponibbli għall-bdiewa mill-awtoritajiet kompetenti u/jew is-servizzi ta' estensjoni. L-attivitajiet ta' riċerka għandhom jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tal-prattika, jitpoġġew f'ordni skont il-prijorità u jkunu koordinati sabiex iqisu d-differenzi eżistenti u x-xogħol doppju, kif ukoll jipprovdu soluzzjonijiet lill-utenti aħħarin. L-analiżi xjentifikament soda trid tiġi estiża biex tkopri wkoll uċuħ tar-raba' li huma qraba ta' xulxin peress li dawn jistgħu jipprovdu informazzjoni utli dwar ir-robustezza tal-ispeċijiet individwali. L-istudji dwar il-ġenetika tal-pajsaġġ jgħinu biex tinkiseb informazzjoni dwar il-fluss tal-ġeni, u dwar l-għażla u l-adattament dinamiku tar-razex u l-uċuħ tar-raba' għal kundizzjonijiet klimatiċi li potenzjalment qed jinbidlu. Il-bijodiversità tal-ħamrija, ir-riżorsi ġenetiċi mikrobiċi u invertebrati oħra (eż. għall-ġestjoni tal-organiżmi ta' ħsara, l-industrija agroalimentari, il-pollinazzjoni,...) għandhom bżonn aktar investigazzjoni u l-istess jista' jingħad għall-analiżi tal-interazzjonijiet bejn il-mikrobijota u l-speċijiet l-oħra (eż. fir-ruminanti).

Ir-riċerkaturi u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali żviluppaw firxa wiesgħa ta' kollezzjonijiet u bażijiet tad-dejta relatati mar-riżorsi ġenetiċi, ir-razez u l-varjetajiet tal-pjanti. Filwaqt li din l-informazzjoni hija ġeneralment aċċessibbli, jeħtieġ li jsir aktar xogħol għal **aktar koordinazzjoni u armonizzazzjoni** li jiżguraw l-interoperabbiltà ta' dawn il-kollezzjonijiet, il-bażijiet tad-dejta, u s-sistemi ta' informazzjoni.

In-**netwerking attiv** u skambju kostanti ta' informazzjoni u għarfien bejn ix-xjenza u l-prattiki tal-biedja u t-tgħammir għandhom rwol ewlieni fil-ħolqien ta' sinerġiji u biex jinkisbu ekonomiji ta' skala, filwaqt li jevitaw ix-xogħol repetut u jagħmlu r-riżultati aktar aċċessibbli għall-utenti aħħarin. Dawn in-netwerks iwasslu għal koordinament aħjar u joffru opportunitajiet għall-innovazzjoni, filwaqt li jibnu fuq bżonnijiet komuni.

7. ATTURI EWLENIN

L-involviment attiv tal-partijiet interessati rilevanti kollha u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti hu kruċjali għas-suċċess tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura. Il-bdiewa, ir-riċerkaturi, dawk li jgħammru l-annimali u l-industriji l-oħrajn agroalimentari u tal-ipproċessar, u l-konsumaturi għandhom interess qawwi minħabba li potenzjalment jistgħu jibbenefikaw minn opportunitajiet offruti mir-riżorsi ġenetiċi. U dawn għandhom sehem deċiżiv fil-katina tal-valur.

Bħala kontribut għall-konservazzjoni *ex-situ* u l-użu u l-konservazzjoni akkompanjanti u *in-situ*, ix-**xjenzati** u l-awtoritajiet kompetenti jimpenjaw ruħhom b'attivitajiet li jikkaratterizzaw u jivvalutaw il-materjal ġenetiku tal-annimali, il-

pjanti u ta' ħlejjaq mikrobjali/invertebrati, u jagħżlu l-karatteristiċi ta' benefiċċju. Dawn jinvolvu ruħhom ukoll fit-titjib ta' metodoloġiji u għodod sabiex tiżdied l-effettività tal-karatterizzazzjoni u l-ittestjar tar-riżorsi ġenetiċi biex isir l-aħjar użu tat-tekniki tat-tgħammir. Barra minn hekk, huma għandhom rwol essenzjali biex jissintesizzaw u jxerrdu r-riżultati u jiżguraw li l-materjal ġenetiku u l-informazzjoni relatata jkunu aċċessibbli għal użi prattiċi, inklużi għall-industrija, il-bdiewa u dawk li jgħammru.

Il-**bdiewa** jinvolvu ruħhom fil-konservazzjoni u fl-użu sostenibbli fl-irziezet. F'xi każijiet, il-motivazzjonijiet tal-bdiewa biex jinvolvu ruħhom jistgħu jkunu aqwa mill-prinċipji u l-loġika ta' gwadann ekonomiku immedjat li jirriżulta mill-produzzjoni tal-ikel jew produzzjoni ogħla jew aktar sostenibbli. Madankollu, l-integrazzjoni tal-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi jkollha bżonn ta' bażi ekonomikament vijabbli. Din il-vijabbiltà tista' tinkiseb minn kapaċità mtejba biex wieħed jadatta għal stress bijotiku u abijotiku, mard u pesti, jew minn żieda fl-effiċjenza tal-produzzjoni u l-ġestjoni; dan jiġi wkoll mill-kwalità u l-uniċità li joffru, b'mod partikolari fil-kuntest tas-swieq lokali u l-valuri u t-tradizzjonijiet kulturali korrispondenti.

L-**għammara**, inklużi l-għammara bdiewa, jiddependu fuq ir-riżorsi ġenetiċi biex jiżviluppaw razez/fenotipi ta' annimali u varjetajiet ? b'saħħithom għal żieda fil-valur agronomiku (eż. il-produttività, reżistenza ogħla għall-mard), waqt li joffru prodotti sikuri b'livell għoli ta' kwalitajiet organolettiċi u nutrittivi, u/jew karatteristiċi differenti. Biex isiru kompetittivi ekonomikament, ir-razez u l-uċuħ tar-raba lokali u mhux użati biżżejjed għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet u jkunu jeħtieġu attivitajiet ta' tgħammir apposta li jtejjeb il-produttività tagħhom jew jagħżel il-karatteristiċi eċċellenti u dawk agronomikament prezzjużi. L-għammara għandhom jissodisfaw kemm il-ħtiġijiet tal-bdiewa kif ukoll l-aspettattivi tal-konsumaturi filwaqt li jfornu lill-industrija agroalimentari bi prodotti adattati għall-katina ta' produzzjoni.

L-għażliet tal-**konsumaturi** jiddeterminaw id-deċiżjonijiet tul il-katina tal-provvista kollha, u għalhekk jinfluwenzaw ix-xejriet ta' produzzjoni agroalimentari ġenerali, notevolment fil-livell ta' produzzjoni primarja. L-istrateġiji kummerċjali (u edukattivi) jistgħu imexxu dan il-proċess 'il quddiem: matul l-aħħar għaxar snin, aktar u aktar konsumaturi biddlu l-attitudni tagħhom u bdew jenfasizzaw il-kwalità, id-diversità, is-sostenibbiltà, il-kummerċ ġust, it-trattament xieraq tal-annimali, u d-divertiment u l-konvivjalità marbuta mal-ikel. L-appoġġ u l-promozzjoni ta' prodotti li ġejjin minn razez u varjetajiet tradizzjonali u diversifikati se jgħinhom jespandu dawn is-swieq filwaqt li jinkoraġġixxu lill-bdiewa biex jidħlu għal użu ekonomikament vijabbli ta' speċijiet li kienu ġew traskurati jew li jinsabu f'riskju ta' tagħwir ġenetiku. Dawk l-attivitajiet ma jistgħux jiġu żviluppati b'mod minn fuq għal isfel, iżda jeħtieġu l-interazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-atturi kollha, inklużi l-bdiewa, il-proċessuri, il-bejjiegħa bl-imnut, u l-konsumaturi.

Bil-ħsieb li jiġu żgurati l-kundizzjonijiet ta' faċilitazzjoni, **dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet** u l-**amministrazzjonijiet** ikollhom jagħtu sehemhom u jiżguraw il-

koordinazzjoni fil-livelli kollha, inkluż ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti li jistabbilixxu l-istandards u n-netwerks internazzjonali, u jużaw b'mod effiċjenti l-istrutturi eżistenti fis-seħħ. Barra minn hekk, dawn jeħtieġ li jinvolvu ruħhom fl-iżvilupp tal-qafas istituzzjonali u legali b'mod li huwa konsistenti mal-miżuri ta' konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikultura filwaqt li jtejbu l-vijabilità ekonomika tagħhom.

Il-Politika tal-Iżvilupp Rurali stabbilita skont il-Politika Agrikola Komuni tipprevedi l-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u r-razez relevanti, azzjonijiet immirati biex jikkaratterizzaw u jevalwaw dawn ir-riżorsi u anke skemi ta' kwalità għall-agroprodotti u l-oġġetti tal-ikel. Jeħtieġ li jitħeġġu l-attivitajiet immirati lejn l-appoġġ tat-trasferimenti tar-riċerka dwar il-konservazzjoni, il-karatterizzazzjoni u l-valutazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi fost il-bdiewa u l-għammara. Barra minn hekk, jeħtieġ jitrawwem il-qsim tal-għarfien fost l-atturi rilevanti kollha, inklużi l-utenti aħħarin.

8. MIR-RIĊERKA GĦALL-KONSERVAZZJONI U L-UŻU SOSTENIBBLI ATTIV

L-aqwa prospetti għall-irkupru, iż-żamma u l-użu sħiħ tal-potenzjal tal-bijodiversità agrikola se jiġu pprovduti permezz ta' strateġija integrata u olistika.

Sadanittant, huwa ta' importanza kbira li l-iżvilupp kontinwu tal-programmi ta' Żvilupp Rurali u tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni kif ukoll l-Orizzont 2020 jiġbru flimkien l-attivitajiet ta' konservazzjoni b'approċċi lejn l-utent finali, ibbażati fuq il-ftuħ tal-potenzjal ekonomiku tar-riżorsi ġenetiċi fil-katina tal-valur. Dan irid jkun appoġġjat minn interazzjoni u kooperazzjoni fost l-atturi kollha involuti fil-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi kif ukoll minn attivitajiet xjentifiċi u disseminazzjoni tar-riżultati fost il-bdiewa u l-utenti finali. Dan l-approċċ għandu jikseb b'mod partikolari dan li ġej:

Użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi:

- Bl-użu tal-possibbiltajiet offruti mill-Politika tal-Iżvilupp Rurali, l-Istati Membri għandhom jissensibilizzaw lill-bdiewa u atturi li jafu jkunu interessati biex jintrabtu li jżidu l-attivitajiet ta' konservazzjoni *in-situ*/fl-irziezet;
- L-atturi kollha fil-katina alimentari għandhom jinvestu biex jiftħu l-potenzjal tar-rikkezza ġenetika agrikola tul il-katina kollha tal-produzzjoni u jikkapitalizzaw fuq strumenti u proċessi eżistenti tal-UE biex jagħmlu lill-konservazzjoni u l-użu sostenibbli kosteffikaċi, u lin-negozji profitabbli, b'mod partikolari billi jinkoraġġixxu d-domanda tal-konsumaturi għal prodotti derivati minn varjetajiet tradizzjonali u lokali;
- Ix-Xjenzati u l-Gruppi Operazzjonali fi ħdan is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "Produttività u sostenibbiltà agrikola" għandhom jikkooperaw biex tiżdied ir-rilevanza ekonomika u tiġi enfasizzata l-attenzjoni għall-opportunitajiet ekonomiċi tar-riżorsi ġenetiċi. Dan jista' jinkiseb, fost l-oħrajn, billi jippromwovu l-valur intrinsiku derivat minn prodotti tar-riżorsi ġenetiċi,

jiżviluppaw prodotti għall-iskemi tal-kwalità, jew permezz ta' attivitajiet apposta għat-tgħammir.

L-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku

- Ix-xjenzati għandhom jutilizzaw l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi biex javvanzaw b'mod aktar komprensiv il-karatterizzazzjoni, il-valutazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-karatteristiċi relevanti agrikoli u industrijali. L-għarfien xjentifiku u teknoloġiku ġdid għandu jippermetti t-tipi kollha tal-atturi li jipparteċipaw f'attivitajiet marbuta mar-riżorsi ġenetiċi fil-livelli relevanti kollha billi jipprovdulhom il-ħiliet u l-għarfien neċessarji;
- Ix-xjenzati u l-atturi l-oħra għandhom jibnu qafas li jippermetti approċċi ta' bosta atturi attivi u skambju ta' għarfien dwar kwistjonijiet ta' riżorsi ġenetiċi fost l-atturi kollha;
- Ix-xjenzati u l-atturi relevanti l-oħra jistgħu jikkontribwixxu għal użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi billi jsostnu l-adattament ta' prattiki eżistenti għad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ta' Nagoja u l-leġiżlazzjoni u r-rekwiżiti regolatorji rispettivi.

Koordinazzjoni, armonizzazzjoni u netwerking

- L-atturi kollha għandhom jimpenjaw irwieħhom li jikkoordinaw aħjar l-attivitajiet ta' konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi sabiex jiksbu ekonomiji ta' skala, jevitaw id-duplikazzjoni, joħolqu sinerġiji, u jużaw b'mod effiċjenti l-istrutturi eżistenti li jagħtu riżultati relevanti u aċċessibbli għall-utenti aħħarin. In-netwerk Sħubija Ewropea għall-innovazzjoni joffri għodda tajba għal koordinazzjoni ta' din ix-xorta;
- In-netwerk Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għandu jiżgura li jkun hemm fluss kontinwu u attiv ta' informazzjoni bejn l-atturi differenti, notevolment ix-xjenzati u l-utenti aħħarin tar-riżorsi ġenetiċi, sabiex effettivament tingħaqqad l-aktar riċerka avvanzata u dik applikata ma' attivitajiet prattiċi orjentati lejn l-utent finali, u jagħmel ir-riżultati disponibbli għall-bdiewa.

Qafas istituzzjonali u legali

- Il-Kummissjoni se tippromwovi politika usa' li tinkludi l-protezzjoni ta' riżorsi ġenetiċi traskurati u lokali akkumpanjata mill-użu effettiv ta' fondi disponibbli skont il-Politika Agrikola Komuni kif ukoll il-Qafas tal-Unjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni;
- Il-Kummissjoni se tiżgura li l-konservazzjoni u l-użu tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikultura jiġu appoġġjati minn qafas legali konsistenti fil-livell tal-Unjoni;
- Il-Kummissjoni se tiżgura li l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi agrikoli jiġu sostnuti sew fil-livell tal-impenji internazzjonali.

L-azzjonijiet mifthiema tal-Unjoni huma neċessarji biex jonoraw l-impenji internazzjonali tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-Trattat, kif ukoll l-

obbligi derivati mill-Protokoll ta' Nagoja dwar l-aċċess għal riżorsi ġenetiċi u l-qsim ġust u ekwu ta' benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tagħhom b'enfasi partikolari fuq ir-rikonoxximent tad-drittijiet ta' komunitajiet lokali u indiġeni. Biex jinvolvu ruħhom fl-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Nagoja, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżguraw li l-utenti kollha fl-Unjoni jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni applikabbli jew mar-rekwiżiti regolatorji f'termini ta' aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u l-użu tagħhom, kif ukoll għall-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi, u li jkollhom ċertezza legali li l-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tagħhom jinqasmu b'mod ġust u ekwu skont termini miftiehma b'mod reċiproku. Il-leġiżlazzjoni reveduta dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti ser ikollha rwol fil-provvediment ta' kundizzjonijiet ta' għajnuna għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti, inkluż ir-razez tal-art u l-varjetajiet tradizzjonali.

Bħala wieħed mis-sisien tal-Unjoni għall-politiki li jappoġġjaw il-konservazzjoni *in-situ* u fl-irziezet, il-miżuri agroambjentali inklużi fil-Politika Agrikola Komuni se jkomplu jipprovdu appoġġ lill-bdiewa li jrabbu u jużaw razez tradizzjonali lokali fil-periklu u/jew jippriservaw ir-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti lokali li jkunu mhedda minn tagħwir ġenetiku. L-iżvilupp rurali jista' wkoll jagħti appoġġ lill-benefiċjarji li jwettqu azzjonijiet immirati lejn il-karatterizzazzjoni u l-ġbir tar-riżorsi ġenetiċi. Il-miżuri tal-iżvilupp Rurali jgħinu fit-tranżizzjoni minn konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi għall-użu sostenibbli effettiv u l-iżvilupp ulterjuri li jinkludu t-trasferiment tal-għarfien, il-kooperazzjoni, u servizzi ta' konsulenza. Fil-programmazzjoni li jmiss għall-perjodu baġitarju 2014-2020, l-Istati Membri għandhom jenfasizzaw aktar il-miżuri li jkollhom il-potenzjal li jinkoraġġixxi l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli ta' razez u varjetajiet tradizzjonali, b'mod partikolari flimkien ma' strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni li jippromwovu l-vijabbiltà ekonomika lokali u diversifikata ta' prodotti ta' kwalità u ktajjen tal-provvista qosra. Dawn l-azzjonijiet se jkunu kkumplimentati mir-rekwiżiti tat-"tħaddir" għal pagamenti diretti skont l-ewwel pilastru, b'mod partikolari biex jiżguraw ċertu livell ta' diversità fl-uċuħ tar-raba' u jikkonservaw l-artijiet b'ħaxix permanenti, inklużi artijiet b'ħaxix ta' bijodiversità għolja li jkunu qed jintużaw għal sistemi ta' produzzjoni għolja tal-annimali.

Il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi agrikoli u l-integrazzjoni tagħhom fil-katina tal-valur iridu jirċievu bażi tal-għarfien rinforzata li tikkumplimenta l-kokreazzjoni tal-għarfien bejn il-bdiewa u l-għammara permezz ta' programm ta' ħidma komprensiv stabbilit skont il-Qafas tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-Unjoni Orizzont 2020. Dan il-programm ta' ħidma jrid ikopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet marbuta mar-riżorsi ġenetiċi, inkluża riċerka avvanzata kif ukoll tipi ta' azzjonijiet bħal dawk li qabel kienu inklużi fil-programm Komunitarju stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 870/2004. Għandu jkopri l-użi innovattivi ta' riżorsi ġenetiċi agrikoli, il-bini tal-kapaċità (eż. bijorepożitorji *in-situ* għall-konservazzjoni, ġabriet ta' tagħrif, u linji gwida), l-iżvilupp ta' metodi orjentati lejn il-prattika ta' karatterizzazzjoni, evalwazzjoni, għażla ta' karatteristiċi għal titjib tat-trobbija, u proġetti ta' dimostrazzjoni li jrawmu l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi. L-

indirizzar ta’ dawn il-kwistjonijiet permezz ta’ Orizzont 2020 minflok permezz ta’ programmi individwali, se jagħti lok għas-simplifikazzjoni amministrattiva. Tkun tinħtieġ parteċipazzjoni transnazzjonali u, flimkien mal-funzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni li tiffaċilita l-iskambju fost l-atturi rilevanti kollha madwar l-Unjoni, jiġi żgurat il-valur miżjud tal-UE, inkluża l-koordinazzjoni effettiva u l-interazzjoni fost l-attivitajiet differenti.

Fi ħdan il-programm ta’ ħidma l-Isfida tas-Soċjetà 2 tal-Orizzont 2020, għandha ssir enfasi partikolari fuq approċċi ta’ bosta atturi, fejn ir-riċerkaturi u l-utenti aħħarin minn diversi setturi jistgħu jinteraġixxu ma’ servizzi ta’ konsulenza agrikola u brokers tal-innovazzjoni, sabiex jitrawmu skambju ta’ għarfien u tixrid ta’ għarfien xjentifiku ġdid filwaqt li jkun hemm l-opportunità li titwettaq esperimentazzjoni fl-irziezet u jiġu validati t-testijiet fil-laboratorju.

Il-ħtieġa għat-tħeġġiġ tal-iskambju fost l-atturi relevanti kollha hija waħda mit-tagħlimiet ewlenin li nkisbu mill-esperjenzi tal-imgħoddi. Bħala qafas effettiv li jiffaċilita l-interazzjoni bejn ir-riċerka u l-prattiki, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni “Produttività u sostenibbiltà agrikola” toffri opportunitajiet importanti biex jiġu integrati l-attivitajiet relatati mar-riżorsi ġenetiċi. Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni qed tinbena biex timmobilizza l-atturi, tqajjem l-għarfien, tiżgura fluss aħjar ta’ informazzjoni, u tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-kooperazzjoni.

Il-mekkaniżmi tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se jkunu f’pożizzjoni partikolarment tajba biex jintegraw attivitajiet li jimmiraw lejn l-irkupru u l-preżervazzjoni, kif ukoll l-użu sostenibbli u l-iżvilupp ulterjuri, tad-diversità ġenetika tal-agrikoltura. B'mod prattiku, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se tipprovdi informazzjoni relevanti għall-partijiet involuti dwar l-opportunitajiet offruti mil-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni u l-imsieħba tal-kooperazzjoni possibbli. Bl-istabbiliment ta' proġett ta' bażijiet tad-dejta, l-organizzazzjoni ta’ seminars u l-istabbiliment ta’ grupp iffokat iddedikat għar-riżorsi ġenetiċi, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se tinkoraġġixxi skambju tal-għarfien u interazzjoni fost il-partijiet interessati. Għalhekk, din se ssaħħaħ il-komplementarjetà bejn ir-riċerka li tappoġġja il-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi u l-azzjonijiet prattiċi mmirati lejn prattiki tal-biedja. Integrazzjoni aħjar tal-attivitajiet ta’ konservazzjoni u l-użu ta’ wċuħ tar-raba’ u razez ipperikolati fit-tgħammir u l-katina tal-produzzjoni jistgħu jibbenefikaw minn tagħlim reċiproku fost l-atturi kollha involuti u minn inizjattiva minn isfel għal fuq, notevolment bil-għan tal-adattament tal-attivitajiet tar-riżorsi ġenetiċi għall-kuntest lokali u l-bżonnijiet tiegħu.

Sabiex jimmobilizzaw il-kompetenzi u jtejbu l-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni, l-attivitajiet tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se jkunu sostnuti minn involviment qawwi tal-Kumitat dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi li ġie stabbilit bir-Regolament (KE) 870/2004 u li se jibqa' fis-seħħ.

9. KONKLUŻJONIJIET

Bi qbil mal-impenn skont l-Istrateġija tal-Unjoni għall-Bijodiversità, l-Unjoni se tkun involuta fil-proċess strateġiku agrikolu biex treġġa' lura t-telf tal-bijodiversità billi tiffaċilita u tintegra t-tranżizzjoni mir-riċerka u l-konservazzjoni lejn l-użu sostenibbli fl-irziezet

Bl-istabbiliment ta' qafas sod konformi mal-orjentazzjonijiet ewlenin imsemmija hawn fuq, l-Unjoni tħeġġeġ bidla konsegwenti tal-orjentazzjoni politika li tinkoraġġixxi lill-partijiet interessati rilevanti sabiex jinvolvu rwieħhom fil-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi u jimxu lil hinn mill-konservazzjoni għall-użu attiv u sostenibbli tagħhom. Din il-bidla hija riflessa fl-approċċ koerenti u kumplimentari stabbilit minn strumenti u għodod politiċi (ġodda) differenti tal-Unjoni lejn il-protezzjoni aktar qawwija u effettiva tal-bijodiversità agrikola.

Hekk kif nersqu lejn l-2020, ir-riżorsi ġenetiċi jafu jserħu fuq riżorsi finanzjarji akbar u firxa usa' ta' opportunitajiet ta' finanzjament kif previst mill-Iżvilupp Rurali u Orizzont 2020, kif ukoll minn politiki oħrajn tal-Unjoni. L-isforzi msaħħa, li jmorru lil hinn mill-konservazzjoni, se jibbenefikaw, fost oħrajn, lill-produzzjoni agrikola, ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-bidla fil-klima, l-ambjent u l-impjiegi. Dawn l-effetti benefiċi se jkunu ta' vantaġġ għas-soċjetà ġenerali, filwaqt li se jagħtu benefiċċji partikolari liż-żoni rurali b'rabtiet qawwija ma' prattiki tradizzjonali u valuri territorjali u kulturali relatati.

Il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura jifformaw parti minn sforz usa' biex jitħeġġu prattiki innovattivi u biex isir kontribut lejn it-tkabbir intelliġenti u sostenibbli b'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020. Għas-suċċess tal-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi fi ħdan il-Politika tal-Iżvilupp Rurali u l-Politika tar-Riċerka u l-Innovazzjoni jeħtieġ li jittieħdu azzjonijiet fil-livelli kollha tal-UE, l-Istati Membri u r-reġjuni flimkien ma' impenn qawwi mill-partijiet interessati rilevanti sabiex jinvolvu rwieħhom attivament. It-tqegħid fis-seħħ ta' approċċ komprensiv u olistiku dwar ir-riżorsi ġenetiċi agrikoli jipprovdi kontribuzzjoni konsiderevoli biex jittejbu s-sostenibilità u l-vijabilità ekonomika f'sistemi agrikoli differenti kif ukoll fil-katina tal-ikel kollha kemm hi.